MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 1988/1998/1

**Micallef Insurance Agency Limited, bhala agent tas-socjeta' assiguratrici estera Independent Insurance Company Limited, kif surrugata sia bil-polza u sia bil-ligi fid-drittijiet tal-assigurat taghha Maria Scerri.**

**vs**

**Maryanne Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici nomine s-somma ta' mitejn u disa' u disghin lira maltija u erba' u hamsin centezmu (Lm299.54,0) danni konsegwiti minn Maria Scerri fil-vettura taghha BAH-835 nhar l-10 ta' Ottubru, 1997 fl-Msida meta l-konvenuta habtet waqt li

kienet qed issuq vettura JAP-607, ghal liema danni kellha taghmel fronti s-socjeta’ attrici in vista ta’ polza ta’ assikurazzjoni “comprehensive” u ghal liema tinsab surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi, u prevja d-dikjarazzjoni tar-responsabbilta unika da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-konsulti (Lm10) u tal-ittra ufficjali datata 20 ta’ Frar 1998, tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz kontra l-assikuratur tal-konvenuta, u bl-interessi mid-data tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet illi d-domandi attrici in kwantu diretti kontra l-konvenuta ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes peress li ma kienitx hi li kkagunat id-danni lill-attur noe.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u b’riserva ghar-risarciment tad-danni tal-eccipjent.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment id-digriet moghti fit-22 ta’ Novembru 2001 (fol 49 tal-atti) kif ukoll l-atti relattivi ghall-istess digriet minn fol 45 sa fol 48 ibid oltre n-nota tas-socjeta’ attrici a fol 57 ibid.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-atti tal-kawza, b’mod specjali l-verbali tas-seduti li nzammu, l-konvenuta qatt ma dehret quddiem din il-Qorti sabiex tkun presenti waqt l-istess seduti u sabiex tissostanzja dak eccepit minnha, permezz ta’ prova jew provi skond il-ligi.

Ikkunsidrat

Illi, is-socjeta’ attrici nomine, ipproduciet da parti taghha s-segwenti provi:-

a) PS 513 Anthony Gerada (fol 24 u 35 et seq ibid) li, wara li specifika li f’dan il-kaz ma kienx sar skizz, esebixxa kopja tar-rapport li kien ittiehed minn pulizija iehor.

b) Loredana Buttigieg (Fol 38 et seq ibid) spjegat li kienet qed issuq il-karozza propjeta ta' zitha, Maria Scerri (fol 36 ibid) f'Triq Marina fil-Pieta' gejja mid-direzzjoni tal-Belt Valletta. Meta waslet vicin id-dwal tat-traffiku, fejn kienet fuq il-karreggjata ta' barra, hi saqet bil-mod in vista li quddiemha kien hemm vetturi ohrajn. Eventwalment hi waqfet, bil-mod, peress li l-istess dwal kienu homor. Pero il-karozza li kienet warajha "dahlet go fija" bil-qawwa. Ghalhekk, hi kienet ser tohrog mill-karozza misjuqa minnha sabiex tara x'kien gara. Kif kienet, filfatt, ser tiftah il-bieba taghha hi hasset "it-tieni daqqa" dejjem fuq wara u qawwija ukoll. Meta harset mill-mera' hi rat li karozza ohra kienet dahlet go dik li kienet warajha u bhala konsegwenza kienet qalghet it-tieni daqqa. Ix-xhud specifikat li l-perjodu ta' hin bejn l-ewwel u t-tieni daqqa kien kwazi "immedjat" ossija "kwazi immedjatament".

Ikkunsidrat

Illi x-xhud precedenti kienet qed issuq il-karozza numru BAH 835 waqt li l-karozzi l-ohra warajha kienu misjuqin dik bin-numru JAP 607, mill-konvenuta u dik bin-numru KAT 025 kienet minn Khammes Ahmed (ara fol 41A ibid). Skond ir-rapport in atti a fol 40 et seq, Maryanne Muscat stqarret "…. L-vettura ta' quddiemi (misjuqa minn Loredana Buttigieg) waqfet minhabba t-traffiku u kif waqfet baqghet diehla go ta' quddiemi u minn wara dahal iehor go fiha". Is-sewwieq l-iehor, Khammes Ahmed spjega u stqarr skond l-istess rapport li kien qed jsuq wara t-traffiku u f'daqqa wahda waqfet karozza u t-tieni karozza dahlet go fiha. Hu zamm brake izda incidentalment baqa' diehel fit-tieni karozza".

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti jidher evidenti li l-konvenuta ghandha tigi ritenuta ko-responsabbli skond il-ligi ghall-incident in esami. Difatti l-konvenuta jidher li ma kienetx qed izzomm distanza sufficjenti bejnha u l-karozza misjuqa minn Loredana Buttigieg u b'hekk ikkagunat l-ewwel daqqa li qalet il-karozza li kienet quddiemha. Pero' l-istess Loredana Buttigieg xehdet li hi kienet qalet zewg

daqqiet, it-tnejn deskritti minnha bhala qawwija. Minhabba hekk jidher evidenti li s-sewwieq tat-tielet vettura ghandu jigi konsiderat bhala  ko responsabbli ghall-istess incident, u dan vis-à-vis it-tieni daqqa moghtija lill-ewwel vettura, u b'hekk ghandu jitnaqqas l-ammont ta' danni dovut mill-konvenuta, li "arbitrio boni viri" qed jigi ridott bi kwart (1/4).

Ikkunsidrat

Illi, ammont ta' danni, mhux kontestat, jirrisulta mid-dokumenti esebiti, in atti, minn fol 10 sa fol 17.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif ser jinghad fis-sens li:

1. tiddikjara lill-konvenuta bhala ko responsabbli ghall-incident in esami kwantu ghal tlett kwarti (3/4);

2. tillikwida globalment l-ammont ta' danni kagunati fil-karozza ta' Maria Scerri fis-somma ta' Lm299.54,0 u;

3) tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm229.14,0 bl-imghax legali mill-20 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes li jinkudu Lm10 ghal konsult u dawk tal-ittri ufficjali tal-20 ta' Frar 1998 u tat-20 ta' Ottubru 1998 imsemmijin fl-avviz, dawn jithallsu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenuta u kwantu ghal kwart (1/4) mill-istess socjeta' attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------